**L-aċċettazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-Font Software EC Square Sans Pro mill-kuntratturi tal-Kummissjoni Ewropea**

Jiena, hawn taħt iffirmat ………………………………………………………………………………… (*isem sħiħ tal-persuna li qed tiffirma*) hawnhekk niddikjara li għandi l-awtorità li niffirma f'isem ……………………………………………………………………. (*isem il-kuntrattur fil-każ ta' entità legali – fil-każ ta' persuna naturali jekk jogħġbok daħħal il-kelma "nnifsi" biss-*) u naqbel li nintrabat b'dawn it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-Font Software EC Square Sans Pro għall-proġett(i) imwettqa għall-Kummissjoni Ewropea u f'isimha.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-Font Software EC Square Sans Pro japplikaw kif ġej.

**1. Id-definizzjoni(jiet) li ġejja/ġejjin għandha/għandhom tapplika/japplikaw:**

(a) "Kuntrattur" huwa kwalunkwe persuna li għandha aċċess għal Font Software EC Square Sans Pro taħt kuntratt konkluż mal-Kummissjoni għall-għoti ta' kwalunkwe oġġett jew servizzi li jinkludu l-logo tal-Kummissjoni u li jeħtieġu l-użu ta' Font Software;

(b) "Xogħol Derivattiv" jirreferi għal kwalunkwe font software li huwa derivat jew ibbażat fuq il-Font Software;

(c) "EC Square Sans Pro" hija tipa li hija l-verżjoni modifikata, sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Kummissjoni, tal-verżjoni ikkumerċjalizzata bħalissa bl-isem ta' "PF Square Sans Pro"

(d) "Font Software" huwa l-programm tal-kompjuter li jinkludi EC Square Sans Pro li fih dejta kodifikata diġitalment dwar il-profil tat-tipa li tista' tiċċekken u titkabbar u kwalunkwe dokumentazzjoni relatata.

(e) "L-istazzjon tax-xogħol" ifisser kull tagħmir li bih kull persuna hija kapaċi tuża l-Font Software.

**2. Użi minn Kuntrattur tal-Kummissjoni Ewropea**

Is-sid tal-Font Software ta liċenzja lill-Kummissjoni Ewropea li tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea d-dritt, *inter alia*, biex tinstalla u tuża l-Font Software fuq l-Istazzjonijiet tax-xogħol tal-Kuntratturi li jaħdmu fuq proġetti tal-Kummissjoni.

Fil-qafas ta' proġett tal-Kummissjoni, u strettament skont l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea fuq bażi ta' każ b'każ, il-kuntrattur għandu permess li:

(a) juża l-Font Software fit-tipi kollha ta' prodotti professjonali tal-issettjar tat-tipa u dokumenti u materjali ta' komunikazzjoni;

(b) juża l-Font Software sabiex jipproduċi materjali promozzjonali tal-Kummissjoni;

(c) juża l-Font Software fuq websajts, applikazzjonijiet tal-mowbajl u l-forom l-oħra kollha ta' integrazzjoni tal-web u dik elettronika. Il-Kuntrattur għandu jiżgura li dawk li jaraw il-paġni tal-internet jew applikazzjonijiet elettroniċi u tal-web ma jistgħux jestrattu l-Font Software minn dawn l-applikazzjonijiet jew jużaw il-Font

Software inkorporat għall-iskopijiet ta' editjar jew għall-ħolqien ta' applikazzjonijiet jew dokumenti ġodda;

(d) jinkorpora l-Font Software fit-tipi kollha ta' dokument u fil-każ ta' paġni elettroniċi f'modalità read only sigura.

**3. Limitazzjonijiet għad-dritt tal-użu minn Kuntrattur tal-Kummissjoni Ewropea**

Aġenziji ta' komunikazzjoni u kuntratturi oħra li qed jaħdmu proġetti tal-Kummissjoni ma għandhomx jużaw il-Font Software għal kwalunkwe skop ieħor għajr it-tlestija tal-proġett tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-kuntratturi tal-Kummissjoni ma għandhomx jimmodifikaw, iżidu funzjonalitajiet ġodda, jadattaw, jittraduċu, iwettqu retroanaliżi teknika, jifirdu, jiddeċifraw, iżarmaw jew joħolqu Xogħlijiet Derivattivi tal-Font Software mingħajr kunsens bil-miktub minn qabel mingħand is-sid tal-Font Software.

Il-kuntratturi tal-Kummissjoni ma għandhomx jippermettu lill-partijiet terzi mhux awtorizzati milli jużaw il-Font Software, u lanqas jassenjawh bi kwalunkwe mod.

**4. Sjieda tal-proprjetà intellettwali**

Il-Font Softwarre huwa l-proprjetà ta' Parachute Worldwide Ltd li tippossiedi d-drittijiet kollha tal-Font Software u l-istruttura, l-għażla, l-organizzazzjoni u l-kodiċi tiegħu, inklużi d-drittijiet tal-awtur, il-privattivi, id-disinn u d-drittijiet tal-marka kummerċjali.

**5. Terminazzjoni**

Il-kuntrattur għandu jieqaf juża l-Font Software mat-terminazzjoni tal-proġett tal-Kummissjoni jew, l-iktar tard, meta jiskadi l-kuntratt konkluż mal-Kummissjoni Ewropea. Il-kopji tal-Font Software għandhom jitħassru mill-Istazzjonijiet tax-Xogħol tal-Kuntrattur.

**6. Limitazzjoni tar-responsabilità**

Il-Kummissjoni Ewropea jew is-sid tal-Font Software, taħt l-ebda ċirkustanzi, ma għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe dannu dirett, indirett, speċjali, inċidentali jew konsegwenzjali li jirriżulta fi kwalunkwe mod mill-użu tal-Font Software mill-Kuntrattur, madankollu ikkawżat, (kemm jekk jinħoloq taħt teorija tal-kuntratt, dannu (inkluża n-negliġenza), jew mod ieħor), inklużi, mingħajr limitazzjoni, danni għal profitti mitlufa, l-interruzzjoni tan-negozju, telf ta' dejta jew tagħrif tan-negozju, jew spejjeż ta’ xiri ta' oġġetti jew servizzi biex jisostitwixxu kkawżati mill-użu jew min-nuqqas ta' ħila li jużaw il-Font Software anki jekk notifikati bil-quddiem. Ir-responsabilità tal-Kummissjoni, taħt l-ebda ċirkustanzi ma għandha taqbeż l-ispiża tas-sostituzzjoni tal-Font Software.

Jekk jogħġbok ikteb "Moqri u aċċettat".

Data u firma:

**Jekk jogħġbok ibgħat lura kopja ffirmata lid-dipartiment tal-Kummissjoni li huwa s-sid tal-proġett u kopja skenjata fl-indirizz tal-posta elettronika li ġej:** comm-visual-identity@ec.europa.eu